# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2020

## WERREJ


| | |
|---|---|
| REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET | 1-4 |
| IL-KUNSILL | 5-6 |
| VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ | 7-9 |
| DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA | 10 |
| IR-RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL | |


*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2020.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2020, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Xogħol ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi ta' Triq tax-Xadba;
- Xogħol ta' qlugħ mill-għeruq u tħawwil mill-ġdid tas-siġar tal-Pjazza;
- Xogħol ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ f'postijiet varji fil-Munxar.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Il-ġbir tal-iskart domestiku, riċiklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart fix-Xlendi;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Ippropona lill-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Attivita` tal-Karnival fil-Munxar;
- Fix-xhur tas-sajf, ġew organizzati diversi attivatijiet soċjo-kulturali fix-Xlendi;
- Assistejna għal edizzjoni oħra tax-Xlendi Ceramics Festival;
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza;
- Ħadna sehem f'Pink October billi ġie mixgħul il-*playingfield* bil-kulur roża;
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa u ċerimonja qasira fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar. Din is-sena bħal kull sena ingħata l-premju Ġieh Il-Munxar kif ukoll ġew premjati żewġ persuni oħra għall-ħidma tagħhom fil-lokalita';
- Tiżjin ġdid tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Tqassim ta' ikla b'xejn lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar Jum il-Milied;
- Tqassim ta' rigali tal-Milied lit-tfal tal-lokalita' permezz ta' animaturi u kanzunetti ta' żmien il-Milied;

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Saret applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Kunsill ingħata l-permess biex isir xogħol ta' tisbieħ fl-aħħar parti tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar;
- Tlesta l-proġett ta' Triq il-Munxar fejn sar wiċċ ġdid u nbiddlu s-servizzi tal-ilma;
- Wara li ngabu l-permessi kollha beda x-xogħol fuq ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi kif ukoll inġab l-aċċess għal dan is-sit;
- Saret applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Kunsill ingħata l-permess biex isir xogħol ta' riġenerazzjoni tax-Xelters tal-Gwerra fil-Pjazza tal-Knisja;
- Saret applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xogħol ta' tisbieħ fl-inħawi ta' Triq L-isqawi, kif ukoll saret applikazzjoni għall-finanzjament ta' da nil-proġett minn fondi Ewropej.
- Saret applikazzjoni għall-fondi Ewropej biex jiġu restawrati diversi ħitan tas-sejjieħ fil-lokalita' fosthom fi Triq Tax-Xadba, Triq il-Munxar, Triq Santa Dminka, Triq L-Isqawi, Triq it-Tempju Megalitiku u fl-inħawi ta' Sanap Cliffs.
- Żbir ta' diversi siġar fil-lokalita';
- Xogħol ta' żamma u manutenzjoni fil-Wied tax-Xlendi;
- Bini ta' *storm water culverts*;
- Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*;
- Bid-determinazzjoni tal-Kunsill Lokali, l-proġett ta' bini ta' demmiela fil-Munxar ġie rtirat;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni u saru oħrajn ġodda;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Waħħalna numru ta' bankijiet, *ashtrays* u *litterbins* ġodda fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section;
- Qtugħ ta' ħaxix madwar il-lokalita';
- Sar xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

IFFIRMATA
**Damien Spiteri**
**Sindku**

IFFIRMATA
**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI Il-MUNXAR

Numru ta' laqgħat fis-sena 2020: 17

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Damien Spiteri | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Carmela Parnis | 100% |
| **Kunsilliera** | |
| Joseph Cauchi | 88% |
| Mark Busuttil | 88% |
| Juliet Attard | 88% |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | |
| Kimberly Spiteri | 100% |
| Ryan Debrincat | 100% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Ryan Debrincat | 100% |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2020<br>ATTWALI<br>€ | 2020<br>BUDGET<br>€ | 2019<br>ATTWALI<br>€ | 2020<br>BUDGET VAR<br>€ | 2020<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 305,858 | 295,785 | 279,434 | 10,073 | 26,424 |
| Bye-laws | 34,265 | 38,850 | 31,792 | (4,585) | 2,473 |
| Investiment | | 50 | 2 | (50) | (2) |
| TOTAL | **340,123** | **334,685** | **311,228** | **5,438** | **28,895** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 99,758 | 100,581 | 84,315 | 823 | (15,443) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 159,146 | 215,356 | 223,979 | 56,210 | 64,833 |
| Infieq Kapitali | 75,062 | 185,174 | 43,208 | 110,112 | (31,854) |
| TOTAL | **333,966** | **501,111** | **351,502** | **167,145** | **17,536** |
| **Bilanċ** | **6,157** | **(166,426)** | **(40,274)** | **(161,707)** | **11,359** |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2020<br>ATTWALI<br>€ | 2020<br>STIMA<br>€ | 2019<br>ATTWALI<br>€ | 2020<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | 2020<br>ATTWAL<br>VAR<br>€ |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 283,785 | 283,785 | 267,147 | | 16,63 |
| Supplimentari | 22,073 | 12,000 | 12,287 | | 9,78 |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **305,858** | **295,785** | **279,434** | | **26,42** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 6,144 | 4,000 | 6,016 | 2,144 | 12 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 585 | 500 | 653 | 85 | (68 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 27,536 | 34,350 | 25,123 | (6,814) | 2,41 |
| | **34,265** | **38,850** | **31,792** | **(4,585)** | **2,47** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | | 50 | 2 | (50) | (2 |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **50** | **2** | **(50)** | **(2** |
| **TOTAL** | **340,123** | **334,685** | **311,228** | **(4,635)** | **28,89** |

## 3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq

### 3.2L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2020<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2020<br>STIMA<br>€ | c<br>2019<br>ATTWALI<br>€ | b-a<br>2020<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | c-a<br>2020<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 10,404 | 10,404 | 9,354 | | (1,050 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 65,335 | 64,000 | 54,933 | (1,335) | (10,402 |
| Bonus | 4,320 | 6,200 | 5,012 | 1,880 | 69 |
| Dħul Supplimentari | 727 | 727 | 293 | | (434 |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 5,972 | 6,000 | 5,043 | 28 | (929 |
| 'Allowances' | 13,000 | 13,000 | 9,500 | | (3,500 |
| 'Overtime' | | 250 | 180 | 250 | 18 |
| | **99,758** | **100,581** | **84,315** | **823** | **(15,443** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 4,122 | 7,500 | 3,324 | 3,378 | (798 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 1,096 | 1,000 | 1,905 | (96) | 80 |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 10,203 | 38,000 | 71,809 | 27,797 | 61,60 |
| Kera | 6,854 | 3,700 | 3,775 | (3,154) | (3,079 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 500 | 750 | 998 | 250 | 49 |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 1,840 | 3,500 | 2,855 | 1,660 | 1,01 |
| Trasport | 1,243 | 3,000 | 3,174 | 1,757 | 1,93 |
| Vjaġġar/safar | | | 233 | | 23 |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 210 | 900 | 54 | 690 | (156 |
| Servizzi b' Kuntratt | 101,347 | 109,806 | 71,809 | 8,459 | (29,538 |
| Servizzi Professjonali | 11,896 | 18,000 | 12,517 | 6,104 | 62 |
| Training | | 900 | 215 | 900 | 21 |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 19,102 | 21,000 | 50,780 | 1,898 | 31,67 |
| Spejjeż Inċidentali | 733 | 7,300 | 531 | 6,567 | (202 |
| | **159,146** | **215,356** | **223,979** | **56,210** | **64,83** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 1,604 | | | (1,604) | (1,604 |
| Makkinarju u Apparat | | | 5,301 | | 5,30 |
| Proġetti Speċjali | 73,458 | 185,174 | 37,907 | 111,716 | (35,551 |
| | **75,062** | **185,174** | **43,208** | **110,112** | **(31,854** |
| **TOTAL** | **333,966** | **501,111** | **351,502** | **167,145** | **17,53** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### **Kont HSBC Bank Account** 071-115034-001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 580,410.83 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2020 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 124,694.10 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **455,716.73** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2020** | 455,716.73 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2020 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2020 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **455,716.73** |

### **Kont Bank of Valletta Savings 12415297027**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 7,035.39 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2020 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 7,035.39 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2020** | 7,035.39 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2020 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2020 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 7,035.39 |

**Rapport Amministrattiv – Damien Spiteri – 2020**

Permezz ta' dan ir-rapport ser ikun qed naghti harsa lejn il-punti ewlenin ta' hidma mwettqa ghall-perjodu bejn Jannar u Dicembru 2020.

Is-sena 2020 kienet sena mimlija sfidi ghall-kunsill lokali. Sena li fiha ttiehdu numru ta' decizjonijiet kuraggjuzi u pjanijiet effettivi li perswaz li ser jkunu qed ihallu l-frott taghhom fil-futur.

**L-Impatt tal-COVID19**

Din is-sena kienet sena abnormali minhabba l-imxija tal-COVID19. Infatti l-operat tal-kunsill tharbat u affaccjajna sfidi li hadd inkluz ahna ma konna preparati ghalihom. Malli bdew ifeggu l-ewwel kazijiet fil-pajjiz kien hawn tensjoni kbira fost il-poplu. Ahna l-membri tal-kunsill shaqna mall-haddiema tal-kunsill lokali li ser inkunu qed nimxu mad-direttivi kollha mposti mill-awtoritajiet tas-sahha u li konna ser niehdu l-mizuri kollha possibli sabiex nissalvagwardjaw is-sahha taghhom pero ghamilniha cara li konna kommessi li s-servizzi lir-residenti taghna jibqghu jinghataw ghaliex kien verament il-mument tal-prova ghalina biex nkunu tassew vicin in-nies.
Ghaldaqstant ittiehdu xi mizuri li jirrispettaw id-distanza socjali fl-ufficini tal-kunsill lokali kif ukoll provdejna *hand sanitizers* ghal kul min jidhol fil-binja tal-kunsill lokali. Fiz-zmien ta' meta giet mnedija l-Emergenza Nazzjonali ghalaqna l-latrina pubblika fil-Munxar, kellna xi haddiema li kienu qed iqattghu hin jahdmu bit-*teleworking* kif ukoll il-laqghat tal-kunsill lokali bdew isiru *online*. Hekk kif l-istat ta' Emergenza Nazzjonali tnehhiet parti minn dawn il-mizuri gew rilaxxati.

**Attivitajiet matul is-sena**

Il-Pjanijiet fuq l-attivitajiet organizzati mill-kunsill lokali tharbtu ftit minhabba l-imxija tal-pandemija tal-COVID19. Madanakollu l-kunsill lokali rnexxielu jtella dawn l-attivitajiet u inizjattivi:

- Karnival fil-Munxar
- I Love Xlendi Summer Events
- Korsijiet tal-hjata
- Distribuzzjoni tal-vaccin tal-influenza

- Serata Jum il-Munxar
- Tizjin tal-Milied madwar il-lokalita
- Tqassim ta' ikla tal-Milied

**<u>Progetti li bdejna matul is-sena:</u>**

- Tlestija ta' Triq il-Munxar

Matul is-sena lestejna l-bini mill-gdid ta' Triq Munxar li kienet tinvolvi tibdil ta' servizzi, asfaltar mill-gdid, bini ta' zewg water culverts kif ukoll manutenzjoni ta' diversi bankini.

- Bidu tal-Progett ta' Restawr tat-Torri tax-Xlendi

Bdejna effettivament il-Progett ta' Restawr tat-Torri tax-Xlendi li jinkludi ukoll il-bini ta' 'interpretation centre'. Dan il-Progett inbeda wara li ngiebu l-permessi kollha necessarji minghand l-awtoritajiet. Tali Progett ser jigi parti ffinanzjat minn Fondi Ewropej.

- Bidu ta' xogholijiet fuq ir-Renovazzjoni tas-shelters tal-Pjazza

Matul is-sena rnexxielna ngibu l-permessi kollha necessarji sabiex nibdew ix-xogholijiet tar-rigenerazzjoni tas-shelters tal-Pjazza. Effettivament lejn l-ahhar tas-sena bdejna ukoll it-tindif ta' dawn is-Shelters. Wara dan mistenni jibda x-xoghol ta' nstallazzjoni tas-sistema tad-dawl kif ukoll l-gheluq tal-aperturi.

- Progett ta' Dry Standing Area fix-Xlendi

Matul is-sena gie konkluz ukoll xoghol ikkommissjonat mill-Ministeru ghal Ghawdex relatat mall-Progett ta' Dry Standing Area fix-Xlendi. Il-Kunsill Lokali ta l-ghajnuna tieghu fejn kien hem bzonn.

- Progett ta' Installazzjoni ta' fanali godda fix-Xlendi

Fix-Xlendi gew installati fanali godda kkomissjonati mill-Ministeru ghal Ghawdex. Dawn il-fanali jithaddmu bil-pannelli solari u ghandhom sistema fejn inqassu drastikament il-'light pollution'.

- Gie rtirat l-appell fir-rigward tal-applikazzjoni ta' demmiela fiz-Zghawri

Matul din is-sena gie rtirat ukoll l-appell fir-rigward ta bini ta' demmiela fil-Munxar. Din il-materja giet miggielda bis-shih mill-Kunsill Lokali u mir-residenti u l-Kunsill Lokali laqa' b'sodisfazzjon l-ezitu ta' dan l-appell.

**Nedejna l-process ukoll ghal bidu ta' dawn il-progetti:**

- Progett bini ta' hitan tas-sejjieh madwar il-lokalita

Il-Kunsill Lokali applika ghall-skemi sabiex jiffinanzja progetti relatati ma' restawr u bini mill-gdid ta' hitan tas-sejjieh f'diversi zoni fil-Munxar.

- Progett tal-Pjazza tal-Knisja

Matul is-sena l-Kunsill Lokali hadem sabiex igib il-permessi necessarrji relatati mall-Progett tal-Pjazza tal-Knisja. Saru numru ta' konsatazzjonijiet mar-residenti fuq il-materja kif ukoll numru ta' laqghat ma' professjonisti u awtoritajiet kompetenti.

- Progett Slow Streets

Bil-ghajnuna tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u r-Regjun Ghawdex, il-Kunsill Lokali kkommissjoni studju marbut mall-Progett Slow Streets li kien jinkorpora fih mizuri li jista' jiehu l-Kunsill Lokali sabiex itejjeb il-mobilita fil-lokalita. Wara li dan l-istudju gie pprezentat lil-Kunsill Lokali, il-Kunsill applika fuq skema partikulari sabiex jsir progett ta' pavimentar u thawwil ta' sigar fi Triq Dun Spir Gauci.

- Progett GAG

Il-Kunsill Lokali applica ghall-skema mahruga mill-'Gozo Action Group Foundation'. F'din l-iskema l-Kunsill Lokali nghaqad ma' zewgt ghaqdiet volontarji fil-lokalita li huma l-Munxar Falcons F.C. u s-Sezzjoni Zghazagh Pawlini Munxarin kif ukoll mall-Awtorita Ghawdxija ghat-Turizmu. Il-progett propost ser ikun jinkludi tisbieh u bini ta' belvder fi Triq l-Isqawi kif ukoll attivitajiet mtellghin fl-istess zona sabiex joffro pjattaforma ghal talent lokali.

Konkluzjoni

Kommess li flimkien ma' shabi nibqa nahdem u nwettaq l-bidliet fir-rahal sabiex r-rahal taghna jibqa jimxi l-quddiem.

**Kunsill Lokali Il-Munxar**
**Rapport ta' Ħidma 2020**
**Carmela Parnis – Viċi Sindku**

- **Indafa**

Bhal kull sena l-indafa tal-lokalita' tkun prijorita ghal kunsill. Matul din is-sena gewwa il-lokalita kien isir il-gbir tal-iskart regolari minn wara il-bieb tad-djar tan-nies, kif ukoll il-gbir tal-hgieg bieb bieb fil-Munxar u ix-Xlendi. Bhala kunsill bqajna noffru wkoll is-servizz tat-trakk Sort it out gewwa iz-zewg lokalitajiet. Provdejna wkoll lir-residenti boroz sabiex jintuzaw ghall-gbir tal-skart organiku. Barra minn hekk ukoll matul is-sena noffru ukoll il-gbir tal-iskart goff minn wara il-bieb tad-djar dan isir kull nhar tlieta u permezz ta avviz minn ghand ir-residenti. Kull filghodu jkun hemm ukoll is-servizz tal-kennis madwar il-lokalita'. Matul din is-sena sar ukoll it-tqassim lil kull dar tal-kontenituri tal-plastik fejn jingabar l-iskart

- **Anzjani**

Wara s-success tal-ewwel edizzjoni ta' *Chair Yoga* ghall-anzjani il-Kunsill Lokali haseb sabiex jergghu jigu organizzati ghaxar sessjonijiet ohra ta' *Chair Yoga* ghall-anzjani. Dawn kienu ser jkunu kull nhar ta' Erbgha bejn l-10.00 ta' filghodu u l-11 ta' filghodu u jibdew mill- 1 ta' April 2020 fic-Centru Parrokjali, il-Munxar. Dawn is-sessjonijiet kienu mahsuba ghall-anzjani minn 50 sena l'fuq. L-iskop ta' dawn is-sessjonijiet huwa sabiex il-partecipanti jtejbu l-fizika taghhom u jhossuhom aktar b'sahhithom. Sfortunatament minhabba il-pandemija dawn is-sessjonijiet ma sarux kollha u hafna attivitajiet li kienu pjanati ghall-anzjani kellhkm jigu kkancelati.

- **Manutenzjoni generali**

Bhal kunsill hdimna biex il-manutenzjoni gewwa ir-rahal taghna tibqa ghaddeja matul is-sena kollha. Ezempju ta' manutenzjoni matul is-sena huma il-bini tal-hitan tas-sejjieh li kienu jigu mwaqqa minhabba kawziet naturali. Kif ukoll tinghata iz-zebgha lil bankijiet li hawn gewwa il-lokalita. Tibdil tal-bozzoz gewwa il-bandli tar-rahal. Kif ukoll ir-rapporti tal-bozzoz tat-triq li ma kienux jkunu jahdmu ahna bhala kunsill konna nirrapurta f'waqta din il-hsara halli tigi rrangata minghajr dewmien. Manutenzjoni tal-bankinin gewwa ir-rahal fejn jkun hemm bzonn.

**Xlendi / Qasam Socjali MUNXAR - Rapport Amministrattiv 2020 - Mark Busuttil**

**Introduzzjoni**

Is-sena 2020 kienet wahda ta' sfidi kbar ghall-Kunsill Lokali, dan ghaliex gejna affaccjati b'sitwazzjoni ta'pandemija bla precedent. Dini affettwat mhux ftit l-operat u l-pjanijiet taghna bhala Kunsill.

Madanakollu, xorta wahda sar xoghol estensiv fir-rahal u kienet sena impenjattiva ferm. Fir-rigward tar-responsabilitajiet li jien inhaddan fil-Kunsill Lokali li jinkludu: ix-Xlendi u l-Qasam Socjali wettaqna numru ta' inizjattivi li ser inkun qed nispjega f'aktar dettal hawn isfel.

**Ix-Xlendi**

Ix-Xlendi hija lokalita b'numru ta' sfidi u minkejja l-ftit rizorsi l-kunsill lokali jaghmel dak kollu possibli sabiex izomm lil din iz-zona turistika fl-ahjar mod possibli. Infatti matul is-sena saru dawn l-inizjattivi u progetti direttament fix-Xlendi:

- Gie inawgurat il-Progett ta' Dry Standing Area;
- Giet installata sistema gdida ta' dawl li s-sors taghha gej minn energija renovabbli;
- Sar xoghol relatat ma zbir ta' sigar tal-bruk, zbir ta' palm, patching, bini ta' bankini, zebgha, installazzjoni ta' railings fil-bajja u manutenzjoni ohra;
- Sar programm ta' attivitajiet matul ix-xhur tas-Sajf. Dawn kienu jinkludu l-organizazzjoni tax-Xlendi Sunset Festival, ic-Ceramics Festival u diversi fjakkolati;
- Gie varat il-Progett tar-Restawr tat-Torri tax-Xlendi. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed jibbenefika minn Fondi Ewropej sabiex jaghmel dan ir-restawr;
- Il-Kunsill ha sehem fil-konsultazzjoni mmexxija minn Parks Malta fir-rigward tal-Master Plan tal-Wied tax-Xlendi u ressaq diversi proposti;
- Sar dizinfettar kontinwu u kampanja ta' edukazzjoni lir-residenti waqt l-Emergenza ta' Sahha Pubblika minhabba l-pandemija;
- Bhala Kunsill Lokali hadna hsieb ukoll l-armar tal-Milied fix-Xlendi.

**Il-Qasam Socjali**

Il-Pandemija tal-COVID 19 affettwat mhux ftit il-pjanijiet li kellu l-Kunsill Lokali relatati nizjattivi fil-qasam socjali. Madanakollu, il-Kunsill Lokali rnexxielu jimplimenti nizjattivi varji li fost l-ohrajn jinkludu dan li gej:

- Il-Kunsill Lokali organizza attivitajiet relatati mall-Karnival;
- Gew organizzati korsijiet tal-hjata ghall-anzjani. Ittiehdu l-mizuri ta sigurta kollha possibli waqt dawn il-korsijiet;
- Tqassmu numru ta' leaflets sabiex jedukaw aktar lir-residenti fir-rigward tad-depozitu tal-iskart. Tqassmu boroz grizi ul-van tar- Roadshow tal Wasteserve zar ir-rahal kull nhar t'erbgha biex jghin jeduka lir-residenti fuq l-iskart riciklabbli ;
- Meta ssejhet Emergenza ta' Sahha Pubblika fil-pajjiz, zammejna komunikazzjoni mar-residenti kif ukoll qassamna numru ta' leaflets informattivi u li kienu jinkludu lista ta kuntatti telefonici importanti f'tali zminiijiet;
- Il-Kunsill issieheb fil-pjattaforma YouSafe taht l-inizjattiva tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn zamm kuntatt kontinwu mar-residenti u nghatat informazzjoni kontinwa fuq il-pandemija tal-COVID 19;

- Gie organizzat Jum il-Munxar u l-Kunsill Lokali ppremja residenti mill-lokalita li hallew impatt pozittiv bix-xoghol taghhom fil-komunita.

**Konkluzzjoni**

Inhares il-quddiem sabiex fis-sena 2021 nibqa nahdem flimkien ma' shabi ghal gid tar-rahal taghna biex inkomplu nimplimentaw progetti u inizjattivi li jhallu impatt pozittiv fuq il-lokalita ur-residenti tax-Xlendi ul-Munxar.

Joseph Cauchi

**Responsabbiltajiet: Kultura, Edukazzjoni u Innovazzjoni**

Is-sena 2020 kienet sena bla preċedent u mimlija sfidi kbar minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Peress li kienu qed jinħarġu bosta restrizzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, numru ta' attivitajiet li kienu ppjanati mill-Kunsill għas-sena 2020 kellhom jiġu mħassra filwaqt li oħrajn ġew addattati skont kif kien qiegħed jiġi mitlub mill-istess Awtoritajiet.

Kultura:

- Organizzazzjoni tal-Karnival fil-Pjazza tal-Munxar.
- Attivitajiet fis-sajf ġewwa x-Xlendi li kienu jinkludu fost l-oħrajn l-organizzazzjoni tax-Xlendi Sunset Festival u x-Xlendi Ceramics Festival, liema festivals intużaw biex ikomplu jippromwovu t-talenti lokali speċjalment fl-isfera tal-mużika u l-artiġġjanat; kif ukoll attivitajiet marbuta mal-programm I Love Xlendi li kienu jikkonsistu fi fjakkolati fil-Bajja tax-Xlendi u anke prestazzjonijiet minn bands lokali.
- Iddiżinjar, ippjanar u armar ta' tiżjin kif ukoll illuminazzjonijiet ġodda għal żmien il-Milied.

Edukazzjoni:

- Il-Kunsill Lokali bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni offra korsijiet marbuta mal-ħjata għall-anzjani tar-raħal. Waqt dawn il-korsijiet ittieħdu l-miżuri kollha possibli.
- Tqassmu numru ta' leaflets sabiex jedukaw aktar lir-residenti fir-rigward tad-depożitu tal-iskart.
- Meta ssejħet Emerġenza ta' Saħħa Pubblika fil-pajjiż, żammejna komunikazzjoni mar-residenti kif ukoll qassamna numru ta' leaflets informattivi u li kienu jinkludu lista ta' kuntatti telefoniċi importanti f'tali żminijiet.
- Il-Kunsill Lokali ssieħeb mal-pjattaforma YouSafe taħt l-inizjattiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn żamm kuntatt kontinwu mar-residenti u ngħatat informazzjoni kontinwa fuq il-pandemija tal-COVID-19.

Innovazzjoni:

- Il-Kunsill Lokali bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex għamel investimenti f'sistema ta' dawl ġdid u l-ewwel darba tax-xorta tagħha fix-Xlendi. Din is-sistema tad-dawl għandha s-sors tagħha kollu ġej minn enerġija renovabbli għaliex taħdem permezz ta' PVC panels.
- Il-Kunsill Lokali kkonferma u ħadem fuq l-inizjattiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali relatata mal-kunċett "Slow Streets". Ġie kkommissjonat rapport minn kumpanija ta' periti sabiex jiggwida lill-Kunsill Lokali fir-rigward ta' inizjattivi u possibilitajiet ta' proġetti li jistgħu jittieħdu sabiex tissaħħaħ il-mobilità u l-ispazji miftuħa fil-lokalità.

**Juliet Attard**
**Rapport ta' Ħidma 2020**

## Ħarsien tal-Annimali

Il-Kunsill ġabar il-lista tal-cat feeders li huma residenti fil-Munxar u Ix-Xlendi sabiex din tintbagħat lid-Dipartiment ikkonċernat biex b'hekk jiżdiedu/tiġi updated il-lista ta' cat feeders f'Għawdex.

## Integrazzjoni Soċjali

Għal darba oħra, fix-xhur tas-sajf, il-Kunsill organizza l-kalendarju ta' attivitajiet 'I Love Xlendi' li f'kull tmiem il-ġimgħa kienu jiġu organizzati diversi attivatijiet soċjo-kulturali fix-Xlendi.

F'Jum il-Milied, il-Kunsill qassam ikla bla ħlas lill-anzjani u nies vulnerabbli oħra tal-lokalità li jgħixu waħedhom sabiex inwasslulhom ftit fern f'dan il-jum.

## Ambjent

Il-Kunsill kien applika mal-Awtorità tal-Ippjanar u ngħata l-permess biex isir xogħol ta' tisbiħ fl-aħħar parti tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar.

Il-Kunsill kien applika wkoll mal-Awtorità tal-Ippjanar biex isir xogħol ta' tisbiħ fl-inħawi ta' Triq l-Isqawi, kif ukoll saret applikazzjoni għall-finanzjament ta' dan il-proġett minn fondi Ewropej. Minn fondi Ewropej ukoll, saret applikazzjoni sabiex jiġu restawrati diversi ħitan tas-sejjieħ fil-lokalità fosthom fi Triq Tax-Xadba, Triq il-Munxar, Triq Santa Dminka, Triq l-Isqawi, Triq it-Tempju Megalitiku u fl-inħawi ta' Sanap Cliffs.

Matul is-sena kollha l-Kunsill jieħu ħsieb li jsir żbir ta' diversi siġar u qtugħ ta' ħaxix madwar il-lokalità, issir il-manutenzjoni ta' ġonna u soft areas kif ukoll knis ta' toroq. Barra minn hekk, il-Kunsill ipprovda l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section. Minn żmien għal żmien isir xogħol ta' żamma u manutenzjoni fil-Wied tax-Xlendi.

Il-Kunsill ħaseb ukoll sabiex iwaħħal numru ta' bankijiet, ashtrays u litterbins ġodda fil-Munxar u fix-Xlendi biex b'hekk il-lokalità tidher aktar nadifa u sabiħa.